Nru. 217

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artiklu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet illi l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Tas-Sellum u
l-Wied ta' Għajn Żejtuna,
il-Mellieħa

(ara l-pjanta f'paġna 2517) jistgħu jkunu ta' valur ekoloġiku jew arkeoloġiku ħekk li għandhom ikunu inklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artiklu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi mgħottija, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qieghda b'din toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond artiklu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) L-irdum, l-għerien u l-fdalijiet arkeoloġiċi f'Tas-Sellum u l-Wied ta' Għajn Żejtuna fil-limiti tal-Mellieħa, (ara l-pjanta f'paġna 2517), għandhom jitqiesu bħala *Area* ta' Importanza Ekoloġika (AEI) ta' Livell 2 u Sit ta' Importanza Arkeoloġika (SAI) ta' Klassi B, rispettivament, skond il-*Policy* RCO 10:8, RCO 12:2 ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur ekoloġiku u arkeoloġiku tagħhom rispettivament.

(ii) L-ebda rdim, ħsara, qerda jew żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti tal-propjetà arkeologika msemmija.

(iii) Kull żvilupp futur, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, kif ukoll fiż-żona ta' lqugħ, li jistgħu jkunu permissibbli, jeħtieġu l-kunsens bil-miktub u minn qabel mingħand l-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet u mad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita, danneġġata jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jahseb għal pieni horox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-13 ta' Marzu, 2000

No. 217

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:–

Tas-Sellum and
Għajn Żejtuna Valley,
Mellieħa

(see site plan on page 2517) could be of archeological and ecological importance such that the site should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992 .

The Authority also believes that the property is in danger of being covered, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The inland cliff, caves and archaeological remains at Tas-Sellum and Għajn Żejtuna Valley, limits of Mellieħa (see site plan on page 2517) are to be considered as a Level 2 Area of Ecological Importance and Class B Site of Archeological Importance as per Structure Plan Policies RCO 10:8 RCO 12:2, by virtue of their ecological and archeological significance, respectively.

(ii) The dumping of material, infliction of damage, destruction, or development over the said archaeological features in the property is not permitted.

(iii) Any future development, alterations or interventions within the buffer zone which might be permissible according to the above shall require written prior approval of the Planning Authority in consultation with the Museums Department and the Environment Protection Department.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished, damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

13th March, 2000

St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846
PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E42357, N79899
Max E42820, N80316
Title :-
Emergency Conservation Order
Tas-Sellum &
Il-Wied ta' Ghajn Żejtuna
(Mellieħa)
Ref No. :- GF 098/99
E.C.O. Boundary Level 2
Area of Ecological
Importance and Class B
Site of Archaeological
Importance
Form No. :- MU004
N
0
0.1
0.2
km